MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 473/2004/1

**Sign It Limited**

**vs**

**Anthony Attard f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Wearwords Limited jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Awissu 2004 fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut proprio et noe li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija, sebgha u sebghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm3977.47,0) rapprezentanti bilanc ta'

prezz ta' kiri ta' oggetti, *inter alia* tined, platforms etc u servizzi lilu moghtija mis-socjeta' attrici kif ukoll prezz ta' oggetti li ma gewx ritornati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Dicembru, 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax kontra l-konvenuti mis-16 ta' Novembru 2003 sad-data tal-eventwali pagament, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament, jigi rilevat illi l-esponent ma jirrapprezentax lis-socjeta' Wearwords Limited u f'dan is-sens ghalhekk is-socjeta' msemmija ghadha mhix notifikata, kif jirrizulta mill-anness Dok A.

Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa de proprio qatt ma kera oggetti jew servizzi minghand is-socjeta' attrici u se mai dawn gew provduti lis-socjeta' konvenuta.

Illi minghajr pregudizzju wkoll l-esponent m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri stante illi huwa qatt ma gie notifikat b'ittra legali kif allegat fl-avviz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' attivita' li giet organizzata fuq il-Fosos il-Furjana fil-15 ta' Novembru 2003 intestata *"World's Largest*

*Rainbow".* Il-konvenut Anthony Attard kien imqabbad bhala *'logistics officer'* mill-group ta' nies li kienu qeghdin jorganizzaw din l-attivita' u ghalhekk bhala tali kien jidhol f'negozjati diretti mas-socjeta' attrici sabiex dina tipprovdi s-servizz ta' tined, stands u reklamar illi kien necessarju ghas-success ta' l-attivita' li kienet wahda ghal skopijiet filantropici.

Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qieghed ighid li huwa qatt ma agixxa personalment u qatt ma kera oggetti jew servizzi minghand is-socjeta' attrici izda se mai kienet is-socjeta' Wearwords Limited li ghamlet dan.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li l-konvenut gie mharrek f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Wearwords Limited. Irrizulta ampjament ippruvat illi fil-fatt il-konvenut m'ghandu l-ebda rapprezentanza tas-socjeta' Wearwords Limited. Id-diretturi, l-azzjonisti u r-rapprezentanza guridika ta' din il-kumpanija huma persuni differenti u l-konvenut m'ghandu x'jaqsam xejn ma' din il-kumpanija. Ghalhekk tibqa' l-kwistjoni jekk il-konvenut personalment kellux ikun responsabbli ghal kreditu reklamat mis-socjeta' attrici. L-ammont reklamat mhuwiex qed jigi kkontestat izda l-konvenut qieghed ighid biss illi personalment ma kellux ihallas l-ammont mitlub.

Irrizulta illi l-konvenut kien qieghed ighin f'din l-attivita'. Kien qieghed jiehu hsieb in-nahha logistika taghha u allura kif qal hu stess kien qieghed jidher ghan-nom ta' l-organizzazzjoni (fol 25). Ikkonferma illi l-aktar li kkomunika mas-socjeta' attrici kien hu stess ghax hu kien qed jorganizza l-attivita'.

Reuben Caruana l-*managing director* tas-socjeta' attrici a fol 27 ighid fost affarijiet ohra li l-*contact*

*person* ghal din l-attivita' kien dejjem il-konvenut u l-kontijiet hargu fuq ismu. Anke l-quotation originali kienet fuq isem il-konvenut u l-ewwel darba li gie a konjizzjoni ta' kumpanija ta' responsabbilta' limitata kien meta rcieva c-cekk tad-depozitu fl-14 ta' Novembru u cioe' gurnata qabel ma kellha ssir l-attivita'. Ikkonferma li l-konvenut dejjem tkellem f'ismu personalment jew ta' xi kumitat izda qatt ma semma socjeta' ta' responsabbilta' limitata. Kien biss wara l-attivita' illi fuq istruzzjonijiet ta' l-istess konvenut hareg xi kontijiet fuq socjeta' ta' responsabbilta' limitata. Kompla jghid illi "*kien hemm element qawwi ta' fiducja fit-trattazzjonijiet li kellna dwar dan l-avveniment ma' Anthony Attard."* Rigward faxes li ntbaghtu fit-8 ta' Awissu u fejn issemmiet is-socjeta' Wearwords Limited Caruana qal li dawna kienu *'in small print'* u ma ndunax. Fi kwalunkwe kaz it-trattattivi li kellu mal-konvenut kienu *'on a one to one basis'* u qatt ma nfurmah b'xejn.

George Edwards li huwa *operations manager* mas-socjeta' attrici a fol 12 qal illi huwa dejjem iddiskuta mal-konvenut wahdu. Il-konvenut qatt ma semmielu li kien qed jahdem ghan-nom ta' kumpanija, izda dejjem ippresta lilu nniffsu personalment. Iltaqa' mieghu l-ewwel darba fl-10 ta' Novembru 2003 u baqa' jarah regolarment fuq perijodu ta' hamest ijiem waqt li kien qed jintrama l-istand. F'dan iz-zmien kollu kumpanija ta' socjeta' limitata qatt ma ssemmiet. Veru illi huwa rcieva c-cekk minghand il-konvenut izda kullma kien jinteressah huwa illi l-figura kienet korretta u mbaghad ghaddiha lill-accounts biex jissarraf.

Roberta Bonnici a fol 22 accounts clerk mas-socjeta' attrici semmiet l-attivita' li kellha ssir fil-15 ta' Novembru 2003 u li l-kontijiet ghall-ewwel hargu fuq Anthony Attard izda wara, fuq istruzzjonijiet ta' Reuben Caruana bdew isiru fuq Wearwords Limited. Il-konvenut qatt ma qalilha li l-

flus ma kienux dovuti minnu izda minn kumpanija ohra.

Il-konvenut kompla jinnega illi l-operat tieghu f'din il-vigenda kien wiehed personali u dejjem qal li agixxa fuq istruzzjonijiet ta' diretturi ta' kumpanija ta' responsabbilta' limitata. Kien hu li ta istruzzjonijiet wara l-avveniment li l-invoices kellhom isiru fuq Wearwords Limited izda accetta li kien iffirma l-merkanzija meta rceviha sabiex dina titqieghed fuq l-istands tal-kumpanija pero' fost affarijiet ohra qal (fol 50) *"... ma niftakarx jekk jiena qattx ghidt lis-Sur Caruana illi jiena ma kontx responsabbli direttament ghal din l-attivita'."*

Ella St John (fol 55) direttur tas-socjeta' Wearwords Limited spjegat ir-ragunijiet il-ghala kellha ssir din l-attivita' u kif giet iffurmata l-kumpanija. Spjegat ir-raguni l-ghala l-kumpanija falliet u ma kienetx f'posizzjoni li thallas id-djun taghha. Illum il-kumpanija hija likwidata. Skond hi meta ltaqghet mas-Sur Caruana ntroduciet ruhha bhala direttur tal-kumpanija Wearwords Limited. Fi kwalunkwe kaz fit-trattazzjonijiet logistici qalet li s-Sur Caruana qatt ma kellimha personalment izda dejjem lill-konvenut li kien jirreferi lilha. Qalet ukoll illi meta saret taf illi s-socjeta' attrici kienet qieghda tigri wara l-konvenut kienet kellmet lis-Sur Caruana u kienet qaltlu li l-konvenut ma kellux ikun responsabbli izda s-socjeta' taghha, izda Caruana ma riedx jaccetta l-argument taghha. Gew esebiti diversi brochures u dokumenti ohra minn fejn jirrizulta l-kelma Wearwords izda l-Qorti tirrileva illi minn imkien ma jirrizulta, almenu f'dak l-istadju qabel l-avveniment, illi din il-kumpanija kienet deskritta bhala wahda ta' responsabbilta' limitata.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi fil-bidu, meta bdew it-

tahdidiet bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, il-kumpanija Wearwords Limited ma ffiguratx. Il-konvenut ippresta ruhhu personalment mas-socjeta' konvenuta sabiex dina tipprovdi s-servizzi ta' reklamar, tined u stands ghall-avveniment li kien qed jorganizza ghall-15 ta' Novembru 2003. Kien biss wara l-avveniment li l-konvenut ta istruzzjonijiet lis-socjeta' konvenuta illi l-kontijiet kellhom johorgu fuq kumpanija ta' responsabbilta' limitata. Id-direttur tas-socjeta' attrici Reuben Caruana sar jaf bl-ezistenza ta' din il-kumpanija fl-14 ta' Novembru cioe' gurnata qabel l-avveniment proprja meta rcieva cekk ta' depozitu ffirmat mis-socjeta' Wearwords Limited. Dan ic-cekk gie accettat u msarraf. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dan il-pass ma kellux jirrifletti negattivament fuq id-drittijiet tas-socjeta' attrici peress li huwa ben saput illi pagament ghan-nom ta' haddiehor ma jfissirx assunzjoni ta' dejn.

F'kawza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1986 fl-ismijiet "Bonnici vs Cauchi Carter" intqal illi *"billi gieli rcieva cheques ghall-hlas tal-merkanzija konsenjat minghand l-istess nies pero' ghan-nom ta' socjeta' ohra ma jfisser xejn. Ghall-attur l-importanti kien li setghu jissarfu..."* (Ara wkoll Vol XXXI p iii pg 257). Ghalhekk il-Qorti ma tehodhiex bi kbira illi f'dan l-istadju d-direttur Caruana ma tkellem xejn u sarraf ic-cheque kif kien intestat. Ghalih l-importanti kien li ssarraf u jithallas ghas-servizzi illi kien qed jircievi. Ma setghax jissoponi pero' li wara l-attivita' u cioe' wara li huwa kien ippresta s-servizz kollu pattwit kien ser isib xi diffikulta biex jithallas kemm mill-konvenut proprja, kif ukoll mill-kumpanija Wearwords Limited.

Ikkunsidrat:

Illi ghal fini tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti l-importanti huwa z-zmien meta l-konvenut ippresta ruhu mas-socjeta' attrici sabiex jitlob is-servizzi

taghha ghall-avveniment in kwistjoni. F’dan l-istadju u sa gurnata qabel l-avveniment, is-socjeta’ attrici ma kellha l-ebda mezz tkun taf li fil-fatt kienet qed titratta ma’ kumpanija ta’ socjeta’ ta’ responsabbilta’ limitata u mhux mal-konvenut personalment. F’dan il-kaz allura l-prezunzjoni hija illi l-konvenut kien qed jikkuntratta f’ismu proprju u mhux f’isem haddiehor anke jekk il-persuna kien fil-kummerc. (Ara Appell Dr Renato Cefai Noe vs J&M Aluminium Limited deciza fl-1 ta’ Frar 2008). Barra minn hekk, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Inferjuri fis-16 ta’ Dicembru 2002 fl-ismijiet Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit fejn il-Qorti dahlet fid-dettall dwar il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur f’kazijiet fejn il-konvenut jallega illi kien tharrek hazin billi hu qatt ma kien qieghed jagixxi f’ismu proprju izda f’isem kumpanija.

Il-Qorti ta’ l-Appell qalet *“saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi ma hijiex il-legittimu kontradittur”. Kif gie osservat “certu kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero’, wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet qed taghmel hekk f’isimha proprju”* – Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice Appell 6 ta’ Ottubru 1999. Il-Qorti kompliet tghid illi *“biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretenzjoni taghhom proprju biex jistabbilixxu li dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju .... ma kienux jirrispekkjaw il-verita’ ghax il-verita’ n-negozju kien sar ma’ haddiehor.”*

Il-Qorti jidhrilha illi fil-mument storiku meta kienu qeghdin isiru n-negozjati l-konvenut ma gabx provi konklussivi illi huwa wera lis-socjeta’ attrici illi kien qed jikkuntratta ghan-nom ta’ socjeta’ ta’ responsabbilta’ limitata u mhux f’ismu

personalment. Irrizulta ampjament ippruvat illi kien biss wara l-avveniment meta bdew johorgu l-fatturi illi l-konvenut ta istruzzjonijiet lid-direttur tas-socjeta' attrici biex il-fatturi johorgu taht isem il-kumpanija Wearwords Limited. F'dak l-istadju kien tard wisq biex jinbidel ir-relazzjoni kuntrattwali illi kien hemm bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici illi kellha kull dritt tipprezumi illi l-konvenut kien qed jinnegozja quddiemha f'ismu personali u mhux ghan-nom ta' kumpanija ta' responsabbilta' limitata.

Ghalhekk il-Qorti fl-isfond tat-taghlim fuq enuncjat taqbel mat-tezi tas-socjeta' attrici fejn kellha d-dritt tipprezumi illi l-konvenut kien qed jikkuntratta ghalih inniffsu u mhux ghan-nom ta' haddiehor fejn allura dana jaghmlu personalment responsabbli ghal dak illi kien qieghed jikkuntratta mas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt illi tilqa' parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenut u tiddikjara li l-konvenut ma ghandu l-ebda konnessjoni mas-socjeta' Wearwords Limited. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut personalment illi jhallasha s-somma ta' €9,2650 (Lm3977.47) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kiri ta' oggetti, *inter alia* tined, platforms etc u servizzi lilu moghtija mis-socjeta' attrici kif ukoll prezz ta' oggetti li ma gewx ritornati.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut."

Bir-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut Anthony Attard jadduci dawn l-aggravji:-

(1) Il-proceduri fl-ewwel istanza ghandhom jitqiesu nulli u bla effett ghaliex is-socjeta` Wearwords Limited qatt ma giet notifikata;

(2) Huwa, personalment, ma kellux jitqies responsabbli ghal hlas tal-kreditu pretiz ghaliex ir-relazzjoni guridika tas-socjeta` attrici ma kienetx mieghu imma mal-kumpanija Wearwords Limited;

Fuq il-punt procedurali sollevat bl-ewwel ilment l-appellanti m'ghandux ragun. Ibda biex, minn imkien ma jirrizulta minn xi difiza tieghu illi n-notifika li jirrizulta li saret lilu ghan-nom tal-Kumpanija kienet wahda irregolari jew invalida, tant li l-kwestjoni qatt ma fformat terren ta' dibattitu jew ta' decizjoni fil-prim'istanza;

Mhux dan biss, pero`. Il-kazijiet tan-nullita ta' l-atti huma, skond il-Kodici ritwali, dawk ikkontemplati fl-Artikoli 789 u 790 tieghu. Eskluz l-applikabilita` ghall-fattispeci ta' l-Artikolu 790, meta l-materja tigi ezaminata mill-prospettiva ta' l-Artikolu 789 ma jistax ma jigix osservat illi lill-appellanti personalment, *dato ma non concesso* li kienet tezisti dik l-irregolarita` tan-notifika, ma gabitlu ebda pregudizzju li ma setax jissewwa xort' ohra hlief billi l-atti jigi annullat (subpara. "c"). Barra minn dan, l-eccezzjoni tan-nullita ta' l-att, li qeghda titqanqal minnu f'dan l-istadju, lanqas setghet tinghata "meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf bih, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`" [Artikolu 789 (2)];

Jirrizulta konkretament fil-kaz prezenti skond l-inkartament tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti illi gew prodotti diversi xhieda da parti tal-konvenut u l-konvenut innifsu xehed mill-anqas darbtejn (fol. 25 u fol. 50) u pproduca dokumenti wkoll qabel ma l-kawza giet dibattuta u mhollija ghas-sentenza (ara verbal tal-5 ta' Marzu 2008 a fol. 70). F'dawn ic-cirkustanzi, konsiderata l-parti attiva tal-konvenut fil-proceduri, in-nullita` ta' l-atti, issa invokata

minnu, ma tistax hlief titqies pretest ghall-inficjar tad-decizjoni li fiha safa sokkombenti. Il-konfigurazzjoni ta' din l-ipotesi sottomessa mill-appellanti mhix guridikament accettabbli ghal din il-Qorti, u ghaldaqstant, l-aggravju fuq il-punt procedurali qieghed, ghalhekk, jigi skartat;

Fuq it-tieni motiv ta' aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi qed ikunu frekwenti bosta l-appelli fejn il-parti sokkombenti fil-gudizzju tqajjem b'lanjanza illi d-decizjoni hi errata in bazi ghall-assunt ta' l-inezistenza tar-rapport guridiku. Kull darba din il-Qorti jkollha tfakkar il-principji regolaturi li jghoddu ghall-kwestjoni ta' din ix-xorta. *Inter* alia, li:-

(1) Tezisti l-presunzjoni *iuris tantum* illi bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew, jekk dan ma jindikax espressament, li dak haddiehor kien ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Ara "**Joseph Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Dicembru, 1988 u "**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

(2) Il-prova kuntrarja kienet taggrava fuq il-persuna li jkun qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Hu kellu jipprova illi b'mod car u inekwivoku kien irrileva lil parti l-ohra illi l-kontrattazzjoni ma kienetx qed issir f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jipprova wkoll illi dan il-fatt ingieb sewwa a konoxxenza tal-kontraent l-iehor fl-istess mument tal-kontrattazzjoni. Ara "**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***", Appell, 2 ta' Dicembru, 1999;

(3) Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero`, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju. Ara "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999;

Premess dan, id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fil-meritu ta' din il-kwestjoni hi ineccepibbli u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni jew konfort ghat-tezi ta' l-appellanti biex titbieghed minnha. F'din il-konkluzjoni taghha l-Qorti ghandha mhux biss il-korroborazzjoni tax-xhieda tas-socjeta` attrici appellata, senjatament George Edwards (fol. 12), u Reuben Caruana (fol. 27), izda, fuq kollox, il-konfessjoni ta' l-appellanti innifsu, kif rispekkjat minn dawn is-siltiet:-

1. "Nikkonferma li kont jien illi kont l-aktar qieghed nikkomunika mas-socjeta` attrici." Ir-raguni moghtija kienet dik li l-logistika ta' l-attivita` organizzata kienet f'idejh;

2. "Jiena qatt ma nfurmajt bil-miktub lis-Sur Caruana illi jien kont qed nidher ghal din l-attivita` mhux fil-kapacita personali tieghi ...";

Mill-kumplament il-Qorti tirreferi ghal partijiet razzjonali tas-sentenza appellata, sew illustrattivi tal-partecipazzjoni personali attiva mill-appellanti fil-kontrattazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u dawk ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma ghal kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------